Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

# Politika u prattika ta' prevenzjoni: approċċi biex jiġu indirizzati disturbi muskuloskeletali relatati max-xogħol

## Osservatorju Ewropew tar-Riskji

## Sommarju

European Agency for Safety and Health at Work

Safety and health at work is everyone's concern. It's good for you. It's good for business.

Awturi: Richard Graveling (Konsulent Prinċipali tal-Ergonomija) ma' Eva Giagloglou (Ergonomista tar-Riċerka) Istitut tal-Mediċina Okkupazzjonali (IOM), Edinburgu – ir-Renju Unit

*Titolu tal-proġett tal-EU-OSHA: Rieżami tar-riċerka, il-politika u l-prattika dwar il-prevenzjoni ta' disturbi muskuloskeletali (MSDs) relatati max-xogħol*

Ġestjoni tal-proġett u editjar: Katalin Sas (EU-OSHA) bis-sostenn ta' Nóra Pálmai.

Dan ir-rapport ġie kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Il-kontenut tiegħu, inkluż kwalunkwe opinjoni u/jew konklużjoni espressa, huma dawk tal-awturi biss u mhux neċessarjament jirriflettu l-fehmiet tal-EU-OSHA.

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib it-tweġibiet**
**għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**
**Numru tat-telefon bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800, jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2020

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors ikun rikonoxxut.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu)

# Sommarju eżekuttiv

## Introduzzjoni

Il-proġett intitolat “Rieżami tar-riċerka, il-politika u l-prattika dwar il-prevenzjoni ta’ disturbi muskuloskeletali relatati max-xogħol” kellu l-għan li jikseb fehim aktar sħiħ tal-isfidi tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) fl-indirizzar ta’ disturbi muskuloskeletali (MSDs) relatati max-xogħol. L-intenzjoni tal-proġett kienet li jipprovdi fehim aħjar tal-kundizzjonijiet li fihom l-istrateġiji, il-politiki u l-azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-MSDs huma l-aktar effettivi. Sabiex jinkiseb dan l-għan, ġew identifikati firxa ta’ strateġiji u inizjattivi fil-livell ta’ politika li ntużaw minn partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi r-regolaturi u l-aġenziji regolatorji, sħab soċjali, korpi professjonali u servizzi preventivi. Wara l-identifikazzjoni tagħhom, saret analiżi sabiex jiġi stabbilit kif dawn l-istrateġiji varji ġew adattati għall-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet ta’ benefiċjarji differenti (eż. f’setturi differenti).

Sabiex tiġi kkumplimentata din l-analiżi, ir-riżorsi li ġew żviluppati u użati fl-inizjattivi deskritti ġew rieżaminati, bil-għan li jiġu identifikati l-fatturi li kkontribwixxew għas-suċċess jew in-nuqqas ta’ suċċess tagħhom (inkluż kwalunkwe ostaklu għall-implimentazzjoni tagħhom).

## Metodoloġija

Il-punt tal-bidu għal dan l-istudju kien lista ta’ inizjattivi ta’ intervent. Din il-lista kienet magħmula mit-tweġibiet tal-Punti Ċentrali (FOPs) nazzjonali ([1]) tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) ([2]) għal kwestjonarju mibgħut lilhom mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). L-FOPs intalbu jelenkaw sa 10 inizjattivi tal-OSH fil-livell ta’ politika mwettqa matul il-perjodu bejn l-2010 u l-2018. Dawn l-inizjattivi kienu meħtieġa li jkunu espressament jew prinċipalment relatati mal-prevenzjoni tal-MSDs relatati max-xogħol, jew mal-inizjattivi għas-saħħa pubblika dwar il-prevenzjoni tal-MSDs, u kienu jeħtieġu li jinkludu komponent sinifikanti tal-OSH.

Ġew irrapportati ’l fuq minn 140 intervent, u dawn kienu supplimentati b’numru ta’ inizjattivi li ma ġewx irrapportati inizjalment mill-Istati Membri, u xi inizjattivi oħrajn minn numru limitat ta’ pajjiżi mhux Ewropej. Tfasslu u ntużaw kriterji ta’ esklużjoni u inklużjoni biex minnhom jintgħażlu 25 inizjattiva li għandhom jiġu eżaminati aktar. Bħala parti minn dan il-proċess tal-għażla, kunsiderazzjoni ewlenija kienet li tiġi żgurata firxa tajba ta’ tipi ta’ inizjattiva. Madankollu, ma sar l-ebda tentattiv biex tiġi ppreżentata firxa ġeografika bbilanċjata, peress li ħass li l-adegwatezza tal-inizjattivi kienet il-fattur kostanti.

Il-25 inizjattiva tfasslu minn 14-il pajjiż differenti (inklużi tliet pajjiżi mhux Ewropej: l-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka). Dawn irrappreżentaw varjetà wiesgħa ta’ tipi ta’ azzjoni, li jvarjaw minn kampanji ta’ sensibilizzazzjoni (inkluż xi wħud immirati lejn tfal tal-iskola u żgħażagħ oħra) sa interventi diretti permezz ta’ spezzjoni u azzjoni ta’ infurzar. L-inizjattivi mill-pajjiżi mhux Ewropej intgħażlu għall-approċċi innovattivi tagħhom li kkumplimentaw dawk li saru fil-pajjiżi tal-UE.

Wara dan il-proċess tal-għażla, saret riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni li kienet ibbażata fuq materjal ipprovdut mill-FOPs u minn għadd ta’ sorsi oħra, inklużi intervisti ma’ dawk responsabbli mill-inizjattivi. Fuq il-bażi ta’ dan il-materjal, ġew ippreparati 25 rapport ta’ sinteżi li jkopru kull waħda mill-inizjattivi magħżula.

Inizjalment, il-pjan kien li tiġi ristretta l-għażla ta’ inizjattivi għal dawk li kienet saritilhom xi forma ta’ evalwazzjoni formali biex jiġi stabbilit l-impatt tagħhom. Madankollu, deher ċar li ftit kienu għaddew minn proċess ta’ valutazzjoni sistematiku u bir-reqqa u għalhekk dan il-kriterju ma ġiex applikat b’mod strett.

Fuq din il-ħidma inizjali, intgħażlu inizjattivi minn sitt pajjiżi Ewropej għal analiżi aktar dettaljata. L-għażla kienet ibbażata fuq il-25 inizjattiva oriġinali magħżula, iżda, f’xi każijiet, ittieħdet deċiżjoni sabiex jitwessa’ l-ilħuq tal-evalwazzjoni sabiex tiġi riflessa l-politika jew l-istrateġija ġenerali fil-pajjiż magħżul,

[1] Innominati minn kull gvern bħala r-rappreżentant uffiċjali tal-EU-OSHA f’dak il-pajjiż, l-FOPs huma tipikament l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u huma kontributuri primarji għall-implimentazzjoni tal-programmi ta’ ħidma tal-EU-OSHA.

[2] Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta’ dan ir-rapport, ir-Renju Unit m’għadux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, dan kien għadu parti mill-Unjoni Ewropea meta saret ir-riċerka bejn l-2018 u l-2019; għalhekk, minn issa ’l quddiem f’dan ir-rapport, ir-Renju Unit huwa msejjaħ bħala Stat Membru.

mhux biss l-inizjattiva magħżula. Is-sitt pajjiżi magħżula mbagħad servu wkoll bħala punt fokali għal analiżi fil-fond tal-esperjenzi prattiċi fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta’ prevenzjoni tal-MSD fuq il-postijiet tax-xogħol.

Dawn is-sitt rapporti huma disponibbli fuq https://osha.europa.eu/mt/themes/musculoskeletal-disorders.

Il-materjal għal dawn ir-rapporti fil-fond ġie derivat minn aktar riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u esplorazzjonijiet ta’ materjal disponibbli pubblikament, ikkumplimentat minn intervisti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-pajjiżi kkonċernati.

## Il-25 inizjattiva

Il-25 inizjattiva oriġinali huma rappreżentattivi ta’ x’sar, u x’jista’ jsir, għall-prevenzjoni tal-MSDs fuq il-post tax-xogħol. L-inizjattivi ntgħażlu biex jiġu varjati kemm jista’ jkun, f’termini kemm tal-intervent kif ukoll tal-grupp fil-mira, u dawn jinkludu kampanji, interventi, leġiżlazzjoni, spezzjonijiet, materjal infografiku u assistenza finanzjarja fil-livell nazzjonali li normalment kienu mmirati b’mod speċifiku lejn intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs).

L-inizjattivi magħżula kienu kif ġej:

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| L-Awstralja | Sett ta’ għodod tal-periklu u l-ġestjoni tar-riskju (APHIRM) għall-prevenzjoni ta’ disturbi muskoloskeletali |
| L-Awstrija | Skema ta’ Kampanja/Sostenn għal intrapriżi mikro u żgħar — AUVAsicher |
| L-Awstrija | Xogħol ħieles mill-periklu fis-settur HORECA – Prevenzjoni tal-istress psikoloġiku u ergonomiku: kampanja mmirata tal-Ispettorat tax-Xogħol Awstrijak |
| Il-Belġju | Kampanji dwar is-saħħa muskoluskeletali: “Meta ħaddiem ibati, il-kumpanija kollha tiġi affettwata” u “Il-Benesseri fuq il-post tax-xogħol fit-trakk federali” |
| Il-Belġju | Tipoloġija ta’ intervent u gwida dwar il-prevenzjoni ta’ disturbi muskuloskeletali |
| Il-Kanada | L-izvilupp ta’ linja gwida gdida dwar il-prevenzjoni għal disturbi muskuloskeletali ghal Ontario |
| Id-Danimarka | Il-Kampanja Nazzjonali Daniża dwar l-Impjieg u l-Ġisem |
| Id-Danimarka | Strateġija għall-isforzi tal-ambjent tax-xogħol sal-2020 — Spezzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju |
| Id-Danimarka | Il-prevenzjoni ta’ wġigħ fil-parti t’isfel tad-dahar fix-xogħol tal-ġebel |
| Franza | Monitoraġġ epidemjoloġiku ta’ problemi tas-saħħa relatati max-xogħol: Il-Koorti Coset-MSA u Coset-Independents |
| Franza | TMS (*troubles muskulo-squeletques*) Vantaġġi u assistenza tal-koordinaturi reġjonali |
| Il-Ġermanja | Il-kampanja ta’ prevenzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali Ġermaniża għall-Aċċidenti (DGUV) — “Aħseb fija — Jien dahrek” (*“Denk an mich — Dein Rücken”)* |
| Il-Ġermanja | Il-prevenzjoni tagħmlek b’saħħtek— inkluż dahrek (*Prävention macht stark — auch Deinen Rücken*) |
| Il-Ġermanja | L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa Preventiva tal-2015 (*Präventionsgesetz*) |
| L-Italja | Programm ta’ Inċentiv Ekonomiku |
| In-Netherlands | Il-Programm Soċjali Nazzjonali dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (MAPA) — Subprogramm dwar l-ammont ta’ xogħol fiżiku |
| In-Netherlands | Network ta’ Xogħol Fiżiku Sostenibbli |
| In-Norveġja | 3-2-1 Flimkien għal ambjent tax-xogħol tajjeb |

| Pajjiż | Titolu |
|---|---|
| In-Norveġja | Kun ippreparat! (*Føre var!*) — proġett tal-Awtorità tal-Ispezzjoni tax-Xogħol Norveġiża għall-prevenzjoni ta’ disturbi muskuloskeletali relatati max-xogħol |
| Spanja | Programm għall-prevenzjoni ta’ riskji ergonomiċi u psikosoċjali fis-setturi tas-saħħa u l-kura soċjali |
| Spanja | Linji gwida ta’ prattika tajba għall-ħaddiema li jiġbru l-molluski bilwieqfa |
| L-Iżvezja | L-ambjent tax-xogħol tan-nisa |
| L-Iżvezja | Dispożizzjonijiet u rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-prevenzjoni tad-disturbi muskoloskeletali |
| Ir-Renju Unit | Strateġija ta’ Għajnuna biex il-Gran Brittanja Taħdem Tajjeb u Programm ta’ Ħidma dwar l-MSDs |
| L-Istati Uniti tal-Amerka | NIOSH Programm Transsettorjali dwar is-Saħħa Muskoloskeletali |

## Is-sitt inizjattivi studjati fil-fond

Kif innotat hawn fuq, wara eżaminazzjoni preliminari tal-25 inizjattiva magħżula, l-inizjattivi ta’ sitt Stati Membri tal-UE ntgħażlu għal evalwazzjoni fil-fond. Dawn huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

### *L-Awstrija*

Il-prevenzjoni tal-MSDs ilha mira fundamentali tal-Bord ta’ Kumpens tal-Ħaddiema Awstrijak (*Allgemeine Unfallversicherungsanstalt* — AUVA) mill-2007. Fl-2009–2010, AUVAsicher (il-programm ta’ assistenza fit-tul tal-AUVA għall-SMEs) iffoka speċifikament fuq l-MSDs bħala rispons għaż-żieda fl-inċidenza ta’ MSDs u assenza relatata (frekwenti) mix-xogħol fl-Awstrija. AUVAsicher huwa appoġġat mill-fatt li l-SMEs huma legalment obbligati li jagħmlu użu minn servizzi ta’ konsulenza medika okkupazzjonali u dawk relatati mas-sikurezza.

L-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-SMEs fil-fehim u fl-indirizzar tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma rikonoxxuti sew. L-approċċ ta’ dan l-intervent, billi jpoġġi obbligi legali speċifiċi fuq dawn l-impjegaturi, jippreżenta kunċett interessanti li jista’ jkollu valur għal Stati Membri oħrajn. L-inizjattiva għall-MSD adottata permezz tal-iskema AUVAsicher għalhekk ipprovdiet studju interessanti tal-każ għal evalwazzjoni fil-fond.

Il-grupp fil-mira għal AUVAsicher kien l-SMEs Awstrijaċi b’sa 50 impjegat (jew sa 250 meta l-impjegati kienu jaħdmu f’diversi fergħat ta’ uffiċċju). Il-konsultazzjoni kienet immirata lejn il-persunal fl-SMEs involuti fil-protezzjoni tal-ħaddiema, il-ħaddiema u l-impjegaturi stess, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-konsulenti dwar is-sikurezza.

Implimentata permezz tas-servizzi regolari tal-OSH ipprovduti mill-AUVAsicher lill-SMEs, l-inizjattiva kellha l-għan li tnaqqas l-inċidenza tal-MSDs bi tliet modi, jiġifieri permezz ta’ (1) li tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost l-impjegaturi u l-impjegati dwar il-prevenzjoni tal-MSDs, (2) jiġu proposti u implimentati miżuri ta’ implimentazzjoni biex jipprevjenu l-MSDs fl-intrapriżi u (3) jipprovdu informazzjoni u struzzjonijiet.

### *Il-Belġju*

L-għan tal-kampanja “Meta ħaddiem ibati, in-negozju kollu jiġi affettwat” kien li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-MSDs u dwar l-għodod li jistgħu jintużaw biex jevitawhom. Dan twaqqaf b’rispons għal inċidenza relattivament statika (għolja) tal-MSDs fuq il-postijiet tax-xogħol Belġjani. Din il-kampanja irriflettiet approċċ strateġiku nazzjonali kontinwu li, matul dawn l-aħħar snin, adottat approċċ dejjem aktar olistiku għax-xogħol u għas-saħħa, bl-integrazzjoni tal-benesseri fuq ix-xogħol u t-tfittxija li jitwessa’ l-“ilħuq” tal-messaġġi dwar l-MSD lil hinn mill-fokus dejjaq fuq il-postijiet tax-xogħol. Għalkemm l-użu ta’ kampanji promozzjonali mhuwiex ġdid, id-dimensjoni usa’ tal-inizjattivi tal-Belġju tqieset ta’ valur

u tista’ tintuża bħala mudell minn pajjiżi oħrajn. Fis-snin ta’ qabel, il-ministeru żviluppa serje ta’ fuljetti dwar il-prevenzjoni tal-MSD għal professjonijiet u impjiegi differenti. Is-sit web u l-attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni kienu jippromwovu l-użu ta’ dawn il-materjali.

Il-fokus tal-kampanja "Il-Benesseri fuq il-post tax-xogħol fit-trakk federali" fl-2015–2016 kienet fuq l-MSDs u kienet immirata b’mod speċifiku lejn studenti fl-edukazzjoni sekondarja. L-għan kien li tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-MSDs u l-kawżi tagħhom, u kif dawn jistgħu jiġu evitati.

## *Franza*

Il-pjan strateġiku nazzjonali attwali dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol jadotta fokus qawwi fuq il-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol u jinkludi azzjoni speċifika dwar id-disinn ta’ tagħmir u l-postijiet tax-xogħol. L-MSDs għandhom effett ekonomiku kbir fuq in-negozji Franċiżi, li jammontaw għal 87 % tal-mard kollu relatat max-xogħol. Xprunata mill-piż impost mill-MSDs, l-Assigurazzjoni tas-Saħħa — Riskji fuq il-Post tax-Xogħol (*Assurance Maladie Risques Professionnels*) nediet programm ta’ prevenzjoni fuq livell nazzjonali fl-2014, TMS (*troubles musculo-squelettiques*) Pros.

L-objettiv tal-programm kien li jiġu indirizzati l-MSDs relatati max-xogħol. Dan offra appoġġ lin-negozji għall-iżvilupp ta’ pjan ta’ azzjoni biex jiddaħħlu fis-seħħ miżuri effettivi ta’ prevenzjoni tal-MSD biex titnaqqas il-prevalenza tal-MSDs relatati max-xogħol. Din l-enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni permezz tad-disinn hija rikonoxxuta b’mod wiesa’ li hija partikolarment effettiva fit-tul u għalhekk din l-inizjattiva tqieset li jixirqilha evalwazzjoni iktar dettaljata. Din l-inizjattiva ġiet ikkunsidrata fil-kuntest nazzjonali usa’, peress li fi Franza, ġew implimentati għadd ta’ inizjattivi oħrajn, bħal inizjattiva biex titjieb is-sorveljanza epidemjoloġika tar-riskji fuq il-post tax-xogħol fi Franza (il-koorti epidemjoloġiku bbażat fuq il-popolazzjoni CONSTANCES u l-programm COSET).

## *Il-Ġermanja*

Għalkemm l-inċidenza tal-MSDs relatati max-xogħol tidher li naqset fil-Ġermanja f’dawn l-aħħar snin, għadha għolja u hija meħtieġa aktar azzjoni biex dan jiġi indirizzat u jitnaqqas il-piż li jirriżulta. Fl-2015, il-Ġermanja għaddiet att biex issaħħaħ il-promozzjoni tas-saħħa u l-kura tas-saħħa preventiva, jiġifieri l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa Preventiva (*Präventionsgesetz*). Dan stipula li kien hemm il-ħtieġa li tiġi żviluppata Stareġija ta’ Prevenzjoni Nazzjonali (*Nationale Präventionsstrategie*) mill-fondi differenti tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-pajjiż, biex tiġi implimentata permezz tal-Konferenza Nazzjonali dwar il-Prevenzjoni (*Nationale Präventionskonferenz*, NPK). Għalhekk din ipprovdiet bażi legali b’saħħitha għal kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-istati federali u l-awtoritajiet lokali fil-qasam tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, billi pprovdiet qafas għall-iżvilupp ta’ rakkomandazzjonijiet u miri komuni f’dan il-qasam. Il-miri żviluppati taħt l-Istrateġija ta’ Prevenzjoni Nazzjonali kellhom jikkunsidraw l-għanijiet tal-Istrateġija Konġunta Ġermaniża dwar is-Sigurtà u Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (*Gemeinsame Deutsche Arbeitsschutzstrategie*, GDA). Bħala riżultat tal-attivitajiet konkreti ta’ koordinazzjoni u ta’ ppjanar meħtieġa minn din il-liġi u tal-baġit assoċjat magħha, dan l-att stabbilixxa ħidma importanti għall-prevenzjoni tal-MSD fuq il-post tax-xogħol.

Dan l-approċċ ta’ politika, jiġifieri l-kollaborazzjoni f’livell strateġiku bejn sħab differenti li huwa stipulat f’dispożizzjonijiet leġislattivi, jgħin sabiex jiġi żgurat grad ta’ konsistenza u koordinazzjoni li ma jkunx possibbli jekk kull organizzazzjoni taħdem waħidha fuq inizjattivi individwali. Billi hemm xejra mifruxa f’ħafna pajjiżi Ewropej (u aktar ’il quddiem) lejn l-adozzjoni ta’ perspettiva aktar olistika tas-saħħa u x-xogħol, ġie meqjus bħala essenzjali li dan l-approċċ sistematiku integrat jiġi esplorat aktar fil-fond.

## *L-Iżvezja*

Xprunat minn statistika li wriet li n-nisa huma affettwati b’mod mhux proporzjonali mill-MSDs, fl-2011 il-Gvern Żvediż ta l-inkarigu lill-Awtorità Żvediża għall-Ambjent tax-Xogħol (SWEA — *Arbetsmiljöverket*) biex tinvestiga s-suġġett tal-“ambjent tax-xogħol tan-nisa” (deċiżjoni tal-gvern A2011/2209/ARM). Il-kompitu kien jinkludi għadd ta’ proġetti, bil-għan li jinbena pjan ta’ azzjoni bbażat fuq l-evidenza. Dawn il-proġetti kienu jinvolvu l-ġenerazzjoni ta’ għarfien u t-tixrid ta’ dak l-għarfien lill-atturi ewlenin, jiġifieri dawk li kellhom is-setgħa li jibdlu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol. Il-kompitu kien għall-

perjodu bejn l-2011 u l-2014, u l-fokus tiegħu fuq is-sess u x-xogħol issa sar “simplifikazzjoni” u ġie inkorporat fl-istrateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tal-MSDs.

F’Settembru 2014, SWEA rċeviet kompitu ieħor: li tkompli tiżviluppa t-tagħlimiet meħuda mill-kompitu preċedenti sabiex jittejbu s-sigurtà u s-saħħ f’setturi prinċipalment ddominati min-nisa (eż. wieħed mill-miri kien li “jinħolqu u jkun hemm għodod aċċessibbli għall-valutazzjoni tar-riskju b’fokus speċjali fuq l-ambjent tax-xogħol tan-nisa”). Dan ikun ta’ benefiċċju mhux biss għan-nisa iżda wkoll għall-irġiel li jaħdmu f’dawk is-setturi. Fl-2015, SWEA ngħatat aktar finanzjament biex tkompli din il-ħidma u biex tiżviluppa proċeduri sostenibbli biex tinkludi l-perspettiva tal-ġeneru fil-ġestjoni tal-OSH.

Dawn l-inizjattivi kellhom diversi miri ta’ rinforzar b’mod reċiproku: l-ewwel, li jiżdiedu l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar l-istatus tas-saħħa fuq ix-xogħol tan-nisa, inkluż ir-riskju ogħla tagħhom li jiżviluppaw l-MSDs, u, it-tieni, li jiġu żviluppati metodi aħjar biex jiġu enfasizzati r-riskji tal-MSDs fl-ispezzjonijiet ta’ SWEA. Dawn l-għarfien u sensibilizzazzjoni akbar huma mistennija wkoll li jsarrfu f’sensittività għall-ġeneru akbar fil-postijiet tax-xogħol u finalment f’ambjent tax-xogħol imtejjeb kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Din is-sensittività għall-ġeneru msaħħa tpoġġi lill-Iżvezja quddiem ħafna mill-ġirien Ewropej tagħha u, għalhekk, dan l-approċċ ġie esplorat iktar sabiex jiġu stabbiliti tagħlimiet li jistgħu jkunu ta’ valur xi mkien ieħor.

## *Ir-Renju Unit*

L-inċidenza ta’ nuqqas ta’ saħħa relatat max-xogħol fir-Renju Unit għadha għolja b’mod mhux aċċettabbli u l-MSDs għadhom komponent ewlieni ta’ dan. Bħala l-aħħar waħda f’serje ta’ strateġiji u inizjattivi, l-istrateġija “Għajnuna biex il-Gran Brittanja Taħdem Tajjeb” tnediet fl-2016 u se tkun fis-seħħ sal-2021. Din tiddefinixxi sitt temi ta’ prijorità, li waħda minnhom tindirizza n-nuqqas ta’ saħħa relatat max-xogħol li jvarja minn kanċer u mard ieħor b’latenza għal żmien twil sa stress u MSDs. L-elementi ewlenin ta’ din it-tema inkludew il-prevenzjoni iktar kmieni, li hija l-istrateġija l-iktar kosteffettiva, u fokus akbar fuq il-kwistjonijiet relatati mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

Din l-istrateġija titħaddem permezz tal-programm komprensiv tas-Saħħa u x-Xogħol tal-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà (HSE), li għandu tliet pjanijiet ta’ prijorità għas-saħħa. Il-pjan għall-MSDs jiġbor fil-qosor il-pożizzjoni attwali tar-Renju Unit fir-rigward tal-MSDs, jistabbilixxi prijoritajiet u riżultati mistennija u jiddefinixxi l-azzjonijiet biex jinkisbu dawn il-prijoritajiet u r-riżultati. Barra minn hekk, tfasslu pjanijiet settorjali sabiex jiġi definit il-fokus tal-HSE fuq it-3-5 snin li ġejjin. Dawn ikopru 19-il settur tal-industrija u jirriflettu kemm it-tliet prijoritajiet għas-saħħa kif ukoll id-direzzjoni stabbilita fl-istrateġija “Għajnuna biex il-Gran Brittanja Taħdem Tajjeb”. L-impjegaturi, it-trade unions u l-korpi professjonali pprovdew kontribut għall-iżvilupp tal-pjanijiet settorjali.

L-approċċ ta’ politika adottat fir-Renju Unit huwa ffokat fuq li jippermetti u jinforma, iħeġġeġ lill-impjegaturi biex jieħdu azzjoni u jindirizzaw ir-riskji, aktar milli fuq il-fatt li jittieħed l-approċċ aktar preskrittiv kif adottat f’ħafna pajjiżi oħra tal-UE. Fil-kuntest ta’ tħassib dwar lakuni fid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi preskrittivi f’ħafna Stati Membri tal-UE, din l-istrateġija tqieset bħala alternattiva vijabbli u għalhekk intgħażlet għal evalwazzjoni ulterjuri.

# Sejbiet

Xi wħud mill-interventi magħżula kienu ġew immonitorjati matul l-implimentazzjoni tagħhom u kienet inġabret l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom (eż. kampanji ta’ reklamar li ddokumentaw l-“ilħuq” tal-pubblikazzjonijiet użati jew in-numru ta’ viżitaturi għal wirjiet). Madankollu, ma setgħet tiġi identifikata l-ebda evalwazzjoni tal-impatt tagħhom, li tiddokumenta s-suċċess (jew falliment) tagħhom fit-tnaqqis tal-prevalenza tal-MSDs fuq ix-xogħol, għal kwalunkwe intervent. Ostaklu wieħed għal kwalunkwe evalwazzjoni bħal din li ħareġ matul l-eżerċizzju kien il-kwalità ħażina (jew in-nuqqas komplet) ta’ *data* vijabbli li valutazzjoni bħal din tista’ tkun ibbażata fuqha. Għalhekk ħafna pajjiżi minflok għandhom jiddependu mill-istħarriġ tal-UE bħall-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) ([3]) flimkien ma’ *data* dwar il-korrimenti fuq il-post tax-xogħol miġbura minn Eurostat.

[3] Barra l-Istati Membri tal-UE, l-EWCS ikopri pajjiżi oħra; dawn ivarjaw tul l-istħarriġ, iżda, fl-2015 (is-sitt stħarriġ), ġew inklużi ħames pajjiżi “kandidati” tal-UE flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera.

L-EWCS tal-2015 inkluda mistoqsijiet dwar kemm l-individwi kienu soġġetti għal esponimenti għall-MSDs fuq il-post tax-xogħol, bħal pereżempju il-ġarr jew iċ-ċaqliq ta' tagħbijiet tqal, kif ukoll problemi ta' saħħa li ġew irrappurtati mill-ħaddiema stess matul it-12-il xahar ta' qabel. Dawn kienu jinkludu mistoqsija waħda dwar l-uġigħ fid-dahar u żewġ mistoqsijiet dwar uġigħ muskolari fin-naħa ta' fuq u ta' isfel tar-riġlejn/tad-dirgħajn. Għalkemm tipprovdi stampa ġenerali utli tal-prevalenza tal-MDDs, id-*data* tipprovdi ftit għarfien dwar kawżi speċifiċi (eż. l-irfigħ manwali).

Bħall-EWCS, il-modulu ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) tal-Eurostat dwar l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi ta' saħħa oħrajn relatati max-xogħol isir b'mod pjuttost infrekwenti, jiġifieri kull 6 sa 8 snin. Mill-ġdid, dan jagħmilha diffiċli li d-*data* tintuża biex jitkejjel l-impatt ta' intervent relattivament qasir. Eurostat għandu bażi ta' *data* ulterjuri relatata ma' aċċidenti fuq ix-xogħol (Statistika Ewropea dwar l-Aċċidenti fuq ix-Xogħol — ESAW), li fiha d-*data* tinġabar kull sena, inkluża *data* dwar "korrimenti" fid-dahar. Madankollu, peress li l-bażi ta' *data* tiddefinixxi korriment bħala "okkorrenza diskreta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali", ma tinkludux il-korrimenti kumulattivi li huma l-kawża ta' ħafna problemi fid-dahar.

Għalkemm xi *data* nazzjonali tipprovdi intuwizzjonijiet addizzjonali limitati, l-inadegwatezzi ta' tali *data* jippreżentaw sfidi. F'ħafna każijiet, pereżempju, id-*data* hija limitata għall-MSDs rikonoxxuti b'mod uffiċjali. Għalhekk, id-*data* tippreżenta stampa mhux kompluta tal-prevalenza ġenerali tal-MSDs u l-impatt tagħhom fuq persuni individwali li qed isofru u dawk li jimpjegawhom, kif ukoll fuq l-infrastrutturi ta' appoġġ nazzjonali bħal servizzi ta' kura tas-saħħa u riabilitazzjoni.

Limitazzjoni ulterjuri ta' tali *data* transsettorjali hija li mhuwiex possibbli li wieħed jiddeduċi l-kawżalità minn dawn is-sorsi tad-*data*. Ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tqandil Manwali([4]) irrefera għal din il-problema. Wara li qies l-effettività tad-direttiva, dan ikkonkluda:

> Mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit sa liema punt dawn il-korrimenti rrapportati u l-problemi tas-saħħa huma direttament assoċjati ma' attivitajiet ta' tqandil manwali.

L-istess rapport kompla:

> Sorsi ta' *data* statistika rilevanti għal riskji ta' tqandil manwali mhumiex ideali peress li normalment jiffokaw fuq korrimenti mingħajr referenza għall-kawża sottostanti.

Għalkemm l-inizjattivi inkwistjoni kollha kienu meqjusa li kellhom suċċess (u, kif muri minn rapporti minn viżti ta' segwitu, dawk li involuti direttament u użati fil-postijiet tax-xogħol dehru li kienu evokaw bidla reali), ma kien hemm ebda evidenza li turi l-effikaċja ġenerali tagħhom fit-tnaqqis tal-prevalenza tal-MSDs.

Mill-analiżi ddettaljata tal-inizjattivi ta' politika fis-sitt pajjiżi magħżula, inklużi l-intervisti u l-materjal mir-rekords tal-gruppi fokali, ħarġu diversi temi li rriflettew il-fatturi ta' suċċess u l-isfidi fl-interventi fuq il-livell tal-politika. Kif innutat hawn fuq, dawn ma rriflettewx suċċess li jista' jitkejjel (peress li dan ma setax jiġi stmat), iżda ġew identifikati fatturi ta' sinifikat, jiġifieri fatturi li jkunu ta' valur biex jitqiesu fi kwalunkwe programm futur ta' interventi.

Kwistjoni importanti waħda li tikkonċerna l-interventi individwali hija l-kwistjoni tal-leġiżlazzjoni u l-benefiċċji tagħha. Xi pajjiżi għandhom leġiżlazzjoni dettaljata li titlob lill-impjegaturi sabiex jinvolvu ċerti azzjonijiet biex jindirizzaw il-perikli u riskji fuq il-post tax-xogħol rilevanti għall-MSDs, għalkemm hemm pressjonijiet biex tiġi pprovduta leġiżlazzjoni aktar preskrittiva speċifika għall-MSDs, li tkopri firxa aktar komprensiva ta' riskji tal-MSD minn dak li diġà huwa l-każ. Tali pressjonijiet kienu evidenti f'kummenti magħmula matul gruppi fokus li twettqu bħala parti mill-proġett preżenti, u ġew iddokumentati bħala parti mill-evalwazzjoni *ex post* tad-direttivi tal-UE dwar l-OSH ([5]). Madankollu, il-leġiżlazzjoni ma tistax tiġi ppreżentata bħala soluzzjoni għad-diffikultajiet fit-tnaqqis tal-prevalenza tal-MSDs, minħabba li hemm

---

[4] DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (2015) Evalwazzjoni tal-Implimentazzjoni Prattika tad-Direttivi tal-UE dwar is-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OSH) fl-Istati Membri tal-UE — Rapport skont id-Direttiva: Id-Direttiva 90/269/KE dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema.

[5] DG Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (2017) Evalwazzjoni tal-Implimentazzjoni Prattika tad-Direttivi tal-UE dwar is-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OSH) fl-Istati Membri tal-UE: Rapport Principali, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=148&langId=en&moreDocuments=yes

evidenza minn għadd ta' pajjiżi (kif irrapportat fil-gruppi fokus) li l-impjegaturi ma jirrispondux b'mod adegwat għal rekwiżiti leġiżlattivi eżistenti, u minoranza sinifikanti tal-kumpaniji jonqsu milli jaħdmu bil-proċess.

## Temi identifikati fl-analiżi ta' politika

Ħarġet sensiela ta' temi ċentrali minn din ir-riċerka u dawn għandhom jappoġġaw interventi futuri fil-livell ta' politika biex jipprevjenu l-MSDs fuq il-post tax-xogħol.

### *Prijoritizzazzjoni, impenn u għoti ta' riżorsi fuq livell għoli*

Il-kumplessità u n-natura multifattorjali tal-MSDs tfisser li ma jistgħux jiġu indirizzati faċilment minn attur wieħed li jaġixxi waħdu fi ħdan l-istrutturi nazzjonali tas-saħħa fuq ix-xogħol. Biex ikunu ta' suċċess, il-politiki jeħtieġu impenn u prijoritizzazzjoni mill-atturi kollha, billi jibdew minn fuq. Fil-każ tal-attivitajiet nazzjonali, dan jista' jinvolvi l-prijoritizzazzjoni governattiva/politika, għalkemm, fil-każ ta' inizjattivi speċifiċi għall-industrija, l-impenn mill-partijiet ikkonċernati fl-industrija, aktar milli mill-gvern, huwa aktar probabbli li jkun effettiv. Impenn bħal dan mhuwiex probabbli li jkun effettiv mingħajr għoti ta' riżorsi adegwat biex jiġi żgurat li dan jitwettaq f'azzjoni konkreta.

### *L-inkoraġġiment tal-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati*

L-involviment fi proċess jgħin lin-nies sabiex ikunu impenjati għal dak il-proċess. Dan japplika kemm jekk ikunx qed jiġi ppjanat intervent fil-livell strateġiku kif ukoll jekk ikunx ippjanat intervent individwali fuq il-post tax-xogħol. Ikun xi jkun il-livell ta' intervent u ta' azzjoni, hemm valur bla dubju li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha fl-identifikazzjoni tar-riskji u fl-identifikazzjoni, l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' strateġiji ta' intervent ta' kontroll jew ta' prevenzjoni tar-riskju (jew miżuri fuq il-post tax-xogħol).

### *Inċentivi b'mod pożittiv*

Kemm inċentivi negattivi kif ukoll dawk pożittivi jidhru li huma effettivi f'bidla b'suċċess fuq il-post tax-xogħol. Il-grad ta' effettività tagħhom huwa bbażat b'mod sostanzjali fuq il-kultura nazzjonali u l-perċezzjoni tal-bidla. Hemm appoġġ mifrux għar-rwol ta' spezzjoni formali — u bih it-theddida ta' azzjoni punitiva meta jiġu identifikati nuqqasijiet. Madankollu, f'pajjiż wieħed (Franza), ġie ssuġġerit li l-impjegaturi qiesu li spezzjoni kienet improbabbli tant li waqfet tippreżenta kwalunkwe motivazzjoni.

Minkejja li l-informazzjoni u l-edukazzjoni huma importanti, f'xi waqtiet, mhumiex biżżejjed, speċjalment fost negozji iżgħar li m'għandhomx għarfien espert intern. Għalhekk, appoġġ u gwida diretti, kemm tat-tip kif ukoll finanzjarjament, jistgħu jipprovdu inċentivi pożittivi biex l-impjegaturi jieħdu azzjoni.

Minkejja ħafna sforzi biex jiġu ppubbliċizzati l-benefiċċji tal-interventi fuq il-post tax-xogħol (permezz ta' analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji), in-negozji jistgħu jarawhom bħala intrużivi, invażivi u ta' tfixkil (u din hija raġuni waħda għaliex spiss jużaw taħriġ bħala "soluzzjoni"). Appoġġ iffokat (inklużi inċentivi finanzjarji fejn xieraq) jista' jgħin biex jipprovdi inċentiv għal bidla u jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' miżuri preventivi aktar effettivi.

### *Ippjanar koerenti*

Ta' spiss wisq, saru interventi mingħajr kunsiderazzjoni dovuta tal-loġika tal-intervent jew l-iżvilupp ta' teorija tal-bidla biex jiġi deskritt u spjegat kif u għaliex il-bidla mixtieqa hija mistennija li sseħħ. L-interventi f'livell ta' politika jeħtieġu ppjanar koerenti, bil-loġika ta' intervent maħsuba b'mod ċar u esplorata mingħajr ma jiġi injorat il-fatt li l-prevenzjoni tal-MSD hija parti waħda mill-azzjonijiet integrati meħtieġa għall-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

### *L-adozzjoni ta' perspettiva usa'*

Hemm tendenza mifruxa li l-kwistjonijiet jiġu kompartmentilizzati u dan huwa partikolarment veru fl-MSDs, li huma kumplessi. Il-ħaddiema mhumiex individwi iżolati fi ħdan organizzazzjoni; ġeneralment, persuna ma tistax (jew m'għandhiex) titqies purament bħal dik li twettaq il-kompiti, mingħajr perspettivi fiżiċi, psikoloġiċi jew soċjali. Hemm rikonoxximent dejjem jikber tal-fatt li l-ħaddiema huma esposti għar-

riskji tal-MSD barra x-xogħol (eż. ħaddiema individwali jista’ jkollhom responsabbiltajiet tal-kura fid-dar li jinvolvu grad ta’ rfigħ u mmaniġġjar) u li t-tibdil tagħhom fis-suxxettibbiltajiet tagħhom b’riżultat ta’ dan għandu jiġi kkunsidrat fuq il-post tax-xogħol. Kultura li tqis il-ħaddiem uman bħala, fil-fatt, “entità ta’ integrazzjoni” li tirreaġixxi għal firxa wiesgħa ta’ influwenzi f’varjetà wiesgħa ta’ xenarji (li ħafna drabi ssir referenza għaliha bħala perspettiva ta’ “ħajja sħiħa”) hija essenzjali. Iċ-ċaqliq lejn approċċ usa’, fejn is-saħħa okkupazzjonali u s-saħħa pubblika jitqiesu bħala entità unifikata, titqies bħala pass pożittiv, iżda dan għadu ma jseħħx fl-Istati Membri kollha.

## L-għoti ta’ kontinwità

L-azzjonijiet fil-livell ta’ politika m’għandhomx sempliċiment jieqfu ladarba jkunu tlestew. Għandhom ikunu evalwati u rfinati kontinwament, u attivitajiet ġodda (jew rifendenti) għandhom jitfasslu fuq esperjenzi ta’ x’għadda qabel u jibnu fuq dawk l-esperjenzi biex itejbu l-effettività u l-effikaċja tal-intervent.

## Promozzjoni tal-approċċ preventiv

F’ċerti pajjiżi, hemm timijiet stabbiliti sew biex jiġu indirizzati r-riskji tal-MSD fuq ix-xogħol. Madankollu, f’ċerti każijiet, dawn it-timijiet spiss jaġixxu b’rispons, aktar milli b’mod preventiv, billi jibdew azzjoni biss meta tinqala’ problema, aktar milli jittieħdu passi biex jipprevjenu milli fil-fatt isseħħ. Il-leġiżlazzjoni relatata mal-MSD tistabbilixxi passaġġ preventiv, u dan għandu jkun inkoraġġut aħjar biex jiġi evitat li l-MSDs iseħħu.

Il-passaġġ preventiv inkluż fil-leġiżlazzjoni dwar l-OSH jirrikonoxxi l-importanza ta’ miżuri primarji, sekondarji u terzjarji, fejn xieraq. Madankollu, il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi dawn bħala ġerarkija ċara, bil-prevenzjoni primarja li tieħu prijorità. L-evidenza minn diskussjonijiet u esperjenza ta’ gruppi fokus xi mkien ieħor tissuġġerixxi li ħafna impjegaturi jadottaw il-kejl terzjarju "sempliċi" ta’ taħriġ fit-tqandil manwali u ma jagħtux konsiderazzjoni adegwata lill-miżuri tad-disinn fuq il-post tax-xogħol li jistgħu "jeliminaw" ir-riskji primarji. Madankollu, għandu jiġi rikonoxxut li miżuri bħat-taħriġ għandhom rwol x’jaqdu l-ħin kollu — kif għandhom miżuri ta’ riabilitazzjoni mfassla sabiex jgħinu lil dawk b’korrimenti jerġgħu lura għax-xogħol jew jibqgħu jaħdmu. Approċċ iffokat fuq il-bniedem — prinċipju ċentrali ta’ ergonomija — huwa essenzjali, b’postijiet tax-xogħol iddisinjati biex jaqblu mal-ħaddiem, aktar milli jiġi mistenni li l-ħaddiem jaqbel mal-post tax-xogħol.

## It-tisħiħ tar-rwol tal-ergonomija u t-tagħlim ergonomiku

F’dan l-istudju ġiet enfasizzata l-ħtieġa għal għarfien espert fl-ergonomija. L-ergonomisti huma kapaċi jikkollaboraw mal-disinjaturi, mal-inġiniera u ma’ oħrajn biex jiżviluppaw soluzzjonijiet u biex jieħdu approċċ ergonomiku għall-identifikazzjoni u d-disinn mill-ġdid tal-impjiegi. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li d-dixxiplina ergonomika ma tikkonċernax lilha nnifisha biss bil-perikli fiżiċi assoċjati mal-post tax-xogħol immedjat; minflok, tadotta approċċ ta’ “sistemi”, filwaqt li tesplora r-rwoli tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-ambjent organizzattiv usa’.

Dan ma għandux jissuġġerixxi li l-ergonomija għandha tkun ir-responsabbiltà tal-ergonomisti professjonali biss. L-esperjenza wriet li dixxiplini oħra, inkluż id-disinn, l-inġinerija u l-psikoloġija, jistgħu jibbenefikaw minn għarfien u sensibilizzazzjoni dwar l-ergonomija. Minbarra li jippermettu lill-professjonisti minn dawk id-dixxiplini japplikaw il-prinċipji ergonomiċi fil-ħidma tagħhom, tali għarfien u sensibilizzazzjoni jistgħu jgħinu sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn id-dixxiplini differenti. Huwa mifhum li għadd ta’ pajjiżi jipprovdu taħriġ ergonomiku lill-ispetturi tagħhom, pereżempju. Lil hinn minn dawn il-gruppi professjonali, hemm ukoll suġġerimenti li gruppi oħrajn (eż. il-ħaddiema nfushom) jibbenefikaw minn taħriġ ergonomikuxieraq ta’ sensibilizzazzjoni.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** tikkontribwixxi billi tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sikur, aktar b'saħħtu u aktar produttiv. L-Aġenzija twettaq riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-sigurtà u s-saħħa u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri u lil hinn minnhom.

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

Santiago de Compostela 12, 5th floor
48003 - Bilbao, Spanja
Tel. +34 944358400
Fax +34 944358401
E-mail: information@osha.europa.eu

http://osha.europa.eu

Publications Office